

# San Nikola: X'kien ifisser għall-biedja u għidut ieħor

Kitba ta' Joseph Schembri

Ħarsti tmur lura fis-snin l-imgħoddija meta n-nies tar-raħal tagħna kienu bdiewa u jaħdmu r-raba' tagħhom għall-għajxien tal-familja. Aktar minn tliet kwarti tal-popolazzjoni Siġġiwija, irġiel u nisa, kienu bdiewa. Il-mara kienet taħdem daqs ir-raġel. Il-ħidma tagħhom kienet waħda ta' tbatija kbira, peress li biex jaħdmu r-raba', ħafna mill-makkinarju tal-lum kien għadu ma deherx. Kienu jaħdmu fir-raba' - jiżirgħu, iħawlu, inaqqu u jaħsdu bil-minġel, il-magħlef, jew b'xi għodda li kellhom dak iż-żmien. Kien wara l-gwerra li bdew jidħlu xi makkinarji ġodda. Kull ċantra jew biċċa ħamrija li kellhom kienu jaħdmuha b'sengħa kbira, sabiex wara jieħdu għelejjel kotrana li jista' jagħti r-raba' tagħhom.



*Ritratt Nicholas Cassar: Ir-razzett tal-Qaddisin*

Huma kienu jabitaw fid-djar, irziezet jew kmamar fil-kampanja. Dak iż-żmien (mill-1890 'l hawn), il-Kappillan ġieli bierek mal-mija u ħdax-il razzett fi żmien l-Għid[1]. Mal-ħitan fuq ġewwa ta' fejn kienu joqogħdu, kien ikollhom xi xbieha ta' San Nikola jew ta' xi qaddis ieħor partikulari. Wieħed minn dawn l-irziezet, li għadu wieqaf sal-lum, jinsab lejn ta' Qanpiena[2]. Dan iż-żmien qajla għadek tisma' fuq "ir-razzett tal-Qaddisin", kif kien magħruf. Dan ir-razzett, li parti minnu hija msejħa "il-Palazz", kien għand Frenċ u Saver tas-Sajfi. Fuq dan ir-razzett hemm żewġ niċeċ, waħda kien fiha lil San Nikola u l-oħra lil San Pawl.

Dak iż-żmien ma kienx hawn dawn il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni jew kumditajiet li għandna llum. Moħħhom u qalbhom kienu fehma waħda. Kienu jiltaqgħu fit-triq ħdejn ir-raba' tagħhom jew inkella f'xi għorfa bit-tiben, jitgeddsu għax ikun il-maltemp u l-bard, jogħrku jdejhom it-tnejn ma' xulxin, u erħilhom joqogħdu jirrakkontaw u jgħidu fuq dak kollu li kien semgħu u li kien ġara emmnewwel (is-sena l-oħra). Jekk l-arja tkun għadha sħuna jgħidu li, "m'hemmx maltemp għalissa" u meta l-arja tkun kiesħa b'xi sħab jgħidu, "nistennew ix-xita." Erħilhom jiddiskutu fuq l-uċuħ tar-raba' kif inhuma – dwar il-patata kif marret f'dak l-istaġun. Kienu jsemmu wkoll dak il-qawl agrikolu Malti li jgħid li, "l-aħjar annata għall-patata meta sa San Nikola tkun fl-ixkora." Dan ifisser li l-patata sa San Nikola trid tkun maqlugħa, għax meta tagħmel ix-xita fil-bikri (għall-Vitorja), il-patata tax-xitwa tinbet aktar malajr għax tkun fellset sewwa fil-ħamrija. Kif tħoss l-ilma tax-xita titla' mill-ewwel u wara li jkompli l-irxiex, il-patata tilħaq u tinqala' lejn l-aħħar ta' Novembru u l-bidu ta' Diċembru.

Lejn l-aħħar ta' Novembru l-bdiewa jibdew isemmgħu l-istilel tal-maltemp li huma nhar Santa Katarina (25 ta' Novembru), Sant'Andrija (30 ta' Novembru), San Nikola (6 ta' Diċembru) u l-Kunċizzjoni (8 ta' Diċembru). Għall-bdiewa dawn huma ġranet ta' maltemp u jekk ma'

*Ikompli f'paġna 28*



tagħmilx ix-xita f'dawk il-ġranet ma tagħmel qatt! Jekk tkun għadha ma għamlitx xita, jibdew jgħidu, "issa ġej San Nikola, forsi jibgħatilna x-xita". Imma meta nhar San Nikola jkun il-maltemp, bħalma ġieli ġara, kienu jgħidu li, "jekk l-istatwa ta' San Nikola ma toħroġx illum toħroġ għada" qalb l-isparar u l-qniepen li huma nofs il-festa. Il-bdiewa kienu jsejħu x-xahar ta' Diċembru bħala x-xahar ta' San Nikola jew tal-Awwista. Qrib il-festa kienu jaħsbu biex jiżirgħu l-ful, piżelli, ġulbiena u żożfa. La tgħaddi l-festa l-bidwi kien jaħseb biex jiżbor is-siġar tal-frott irqiq, ilaqqam il-lewż (għax hija l-ewwel siġra li toħroġ il-ward) u jibda jaħseb biex f'Jannar jiżbor id-dwieli.

## ĠRAJJIET QRIB IL-FESTA TA' SAN NIKOLA

Dun Ġużepp, qassis minn Ħal Qormi u li kien ta' statura qawwija, kien ġie jipprietka fit-tridijiet ta' San Nikola tax-xitwa, jiġifieri fit-2, 3 u 4 ta' Diċembru ta' madwar disgħin sena ilu. Dik is-sena l-art kienet għadha niexfa għax ma kinitx għamlet xita. Dun Ġużepp fl-aħħar ġurnata tat-tridu, qabel ma spiċċa għamel talba lil San Nikola u qal hekk, "Tawmaturgu San Nikola, fittex ibgħatilna x-xita, biss fuq is-Siġġiewi f'dawn il-jumejn li ġejjin la tagħmilx, agħmel band'oħra." Nhar il-festa ta' San Nikola, 6 ta' Diċembru, x'ħin l-istatwa kienet quddiem Dar Ommna Marija, min-naħa tal-Majjistral beda jberraq u jinstama' r-ragħad ukoll. F'dak il-lejl, wara li l-istatwa kienet fil-knisja, kien għamel lejl xita bil-kbir.

Nhar il-5 ta' Diċembru 1873[3] għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar waqgħet dalma kbira; u r-riħ kien Grigal il-Lvant li beda jonfoħ, u x-xita bdiet nieżla bil-qliel, beraq, sajjetti u ragħad li beżżgħu lil kulħadd. Imbagħad xi nofs siegħa wara beda nieżel silġ kbir (dan is-silġ kien baqa' jissemma' għal ħafna snin wara u kienu jirreferu għalih bħala 's-silġ ta' San Nikola' li beda jkisser u jfarrak, il-widien kaxkru kulma sabu quddiemhom. Il-wied ta' Ħal-Qormi ġarr ħafna wċuħ tar-raba' lejn il-Marsa. Dik il-lejla, ċertu Surġent tal-Pulizija jismu Vincenzo Labrere kien ġie s-Siġġiewi b'xogħol. Waqt li kien sejjer lura lejn id-dar, il-gelgul tal-ilma tax-xita kaxkru u għereq fil-wied tas-Siġġiewi (li jiġi min-naħa ta' Wied Ħesri lejn Wied Qirda). Ix-xita damet nieżla madwar seba' sigħat u s-sajjetti damu sa xi l-ħdax ta' billejl.

## GĦAJDUT U FOLKOR

San Nikola ġieli kkonsla xi raġel li ma setax isib is-sieħba (għarusa) tiegħu. Darba waħda, wieħed raġel ġie għall-festa ta' San Nikola. Meta kien qiegħed fil-pjazza jdur, iltaqa' ma' wieħed mill-ħbieb li kellu. Dan il-ħabib stiednu biex imorru jixorbu f'ħanut fil-qrib u hemm kien hemm xebba li kienet qed taħsel it-tazzi tax-xorb. Malli raha, mill-ewwel ħass ġibda lejha u din saret martu fi żmien qasir.

San Nikola huwa l-protettur tal-għarajjes. Għalhekk dawk it-tfajliet li kien għad ma għandhomx għarus kienu jmorru billejl, bil-moħbi tan-nies, iduru għal tliet darbiet madwar l-istatwa ta' San Nikola tal-misraħ. Kienu jitolbuh, "San Nikola, ikkunslani", "San Nikola tal-misraħ, żewwiġni ħalli nifraħ". Fost l-għana ċajtier fuq iż-żwieġ insibu din:

"San Nikola tal-venturi
Tlabtu waħda tani tnejn,
Waħda zoppa, l-oħra għamja
U truxa, ma tisma' xejn."[4]

Dan kien fil-qosor xi tagħrif li ġbart dwar il-Patrun tagħna. Kollox juri li l-bdiewa u niesna tal-imgħoddi kienu marbutin f'kollox – fix-xogħol u l-mistrieħ – mal-qaddis tagħna. Jalla nibqgħu magħqudin aħna wkoll ma' San Nikola, dejjem u kullimkien.

**Referenzi**

1. Tagħrif li kien mogħti mis-Sagristan C. Scicluna.
2. Quddiem l-akwadott tal-Fawwara, aħna u sejrin lejn id-Dar tal-Providenza.
3. "Storja ta' Malta u Għawdex" G. Faure u "The Malta News" 10.12.1873.
4. Rafel Bonnici Cali - Kitbiet Imżewqa, Twemmin, Storja, Arti u Folklor, Paġna 143-147